**Introduzzjoni**

Il-pubblikazzjonijiet ewlenin tal-Bank Ċentrali ta' Malta huma r-Rivista ta' Kull Tliet Xhur, ir-Rapport Annwali u r-Rapport dwar l-iStabbiltà Finanzjarja. Ir-Rivista ta' Kull Tliet Xhur fiha żewġ taqsimiet: stħarriġ ekonomiku u statistika. Ir-Rapport Annwali fih tliet taqsimiet. L-ewwel taqsima tanalizza l-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji, it-tieni taqsima tirrapporta l-politika, l-operazzjonijiet u l-attivitajiet tal-Bank u t-tielet taqsima fiha l-kontijiet finanzjarji tal-Bank għas-sena. Ir-Rapport dwar l-iStabbiltà Finanzjarja jippubblika fuq bażi annwali l-analiżi u r-riżultati tal-Bank dwar l-istabbiltà finanzjarja.

Minn żmien għal żmien, il-Bank jippubblika *Working Papers* li jiddeskrivu r-riċerka li tkun qed issir mill-istaff tiegħu. Il-*Working Papers* jiġu ppubblikati biex iqanqlu d-diskussjoni, u kummenti dwarhom jiġu milqugħa. Il-Bank jippubblika wkoll Dokumenti Konsultattivi dwar kwistjonijiet li jeħtieġu konsultazzjoni pubblika jew settorjali. Kultant il-Bank jikkummissjona jew jiffinanzja l-pubblikazzjoni ta' kotba b'temi kulturali jew storiċi.

Informazzjoni dwar il-Librerija tal-Bank, inkluż il-ħinijiet tal-ftuħ, tinsab ukoll f'din it-taqsima.